4 ta' Awissu, 1947.

Imħallef:

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Il-Pulizija *versus* Hans Eder

**Ħanut — "Workshop" — Regolamenti dwar l-Għeluq tal-Ħwienet — Ordinanza V ta' l-1939.**

*Każ fejn l-imputat kellu "workshop" għal manifattura, tiswija u tibdil ta' kpiepel, anness mal-ħanut fejn kellu n-negozju tiegħu ta' bejgħ ta' kpiepel; fejn gie ritenut illi r-Regolamenti dwar il-ħi-*

*nijiet tal-Għeluq tal-Ħwienet ma humiex applikabili għal dak il-"workshop"; b'mod li, fil-waqt li huwa ma setax iżomm il-ħanut miftuħ għall-bejgħ fil-ħinijiet projbiti minn dawk ir-regolamenti, huwa seta' però jżomm il-"workshop" miftuħ anki f'dawk il-ħinijiet projbiti biex jaqdi l-parruċċani, limitatament għax-xogħol li huwa kien jagħmel f'dak il-"workshop".*

Il-Qorti, — Rat ir-rikors li bih l-imsemmi Hans Eder interpona appell lii din il-Qorti mis-sentenza mogħtija fit-8 ta' Lulju 1947 mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta, li biha, fuq l-akkuża illi f'tas-Sliema, fis-6 ta' Ġunju 1947, żamm il-ħanut tiegħu nru. 48, Triq It-Torri, għall-bejgħ tal-kpiepel tan-nisa, miftuħ wara t-8 p.m., u serva xi parruċċani, l-istess Hans Eder ġie misjub ħati skond l-akkuża u ġie kundannat £1 ammenda;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi ma hemmx kwistjoni li l-appellant għandu "workshop" għall-manifattura, tiswija u tibdil, ta' kpiepel, fis-sens intiż mill-Ordinanza nru. V ta' l-1939, flimkien man-negozju li jmexxi fil-ħanut tiegħu fuq imsemmi; għal l-ema "workshop" ma humiex applikabili d-dispożizzjonijiet kontenuti fil-paragrafu 2 ta' l-Ordni nru. IV ta' l-1939 dwar l-Għeluq tal-Ħwienet, kif huma applikabili — dawk id-dispożizzjonijiet — għall-ħanut fuq imsemmi; u kwindi l-appellant, fil-waqt li ma setax, wara t-8 p.m., jaqdi l-parruċċani in rigward għan-negozju li jmexxi f'dak il-ħanut fil-jiem ta' fost il-ġimgħa, barra s-Sibt, għaliex għal dik il-ġurnata hemm stabbilit ħin ieħor, huwa seta' jżomm miftuħ il-"workshop", anki wara l-ħin fuq imsemmi, u jaqdi l-parruċċani in rigward biss għal dawk ix-xogħlijiet li jsiru f'dak il-"workshop";

Tikkunsidra;

Illi l-appellant xehed u qal li huwa veru li fil-jum fuq indikat, għal ftit minuti wara t-8 p.m., huwa kellu parruċċana, akkompanjata minn tliet nisa, fil-ħanut tiegħu fuq imsemmi, li kien allura magħluq bl-antiporta; iżda dik il-parruċċana ma kienetx qiegħda tixtri mill-ħanut, jew b'xi mod ieħor tinqeda minn dak il-ħanut, imma kienet qiegħda biss tipprova kappell li kienet bagħtitu sabiex jissewwa fl-imsemmi "workshop" li għandu flimkien mal-ħanut;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi għalkemm ġie pruvat li l-appellant ma kellux imqiegħed f'post li jidher sewwa ġol-vetrina u ġewwa l-lokal l-avviż rikjest m'l-liġi fis-sena li l-ħanut kien miftuħ biss għall-"workshop", u li mill-ħanut ma kienx hemm aktar bejgħ, iżda l-akkuża miġjuba kontra tiegħu mhix dik li naqas li jqiegħed dak l-avviż, imma li żamm miftuħ il-ħanut wara t-8 p.m. u serva l-parruċċani minn dak il-ħanut; f'liema akkuża ma tidħolx proprjament dik tan-nuqqas ta' tqegħid ta' l-avviż; u l-akkuża ma tistax tiġi mibdula f'dan l-istadju;

Għal dawn il-motivi;

Tilqa' l-appell u kwindi tirrevoka s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti, u tilliberа lill-appellant mill-akkuża.